# L-Istorja tal-M.U.S.E.U.M. tas-Subien fil-Għargħur

## kitba tas-Superjur u l-membri




Din is-sena,l-qasam tal-M.U.S.E.U.M. tas-Subien qiegħed ifakkar il-75 sena mill-bidu tiegħu fil-Parroċċa ta' San Bartilmew fil-Għargħur. Kienet is-sena 1933 li San Ġorġ Preca wera' x-xewqa li fil-Għargħur jiftaħ qasam tat-tagħlim għas-subien (għax tal-bniet kien diġa' fetaħ ftit tax-xhur qabel).

Dun Ġorġ terfa' għajnjeh fuq is-Soċju Oreste Tabone li kien għadu kif daħal membru fis-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. Oreste kien jattedni l-qasam tal-Belt Valletta, għalkemm kien joqgħod Birkirkara. Dun Ġorġ talbu biex jibda jitla l-Għargħur. Oreste aċċetta din is-sejħa u obda lil Dun Ġorġ, u biex jinfetaħ dan il-qasam saret Sajda Mużewmina li fha nġabru xi żgħażagħ u wara s-Sajda baqgħu jattendu, l-ewwel fil-knisja ż-żgħira ta' San Ġwann, imbagħd f'dar żgħira fi Triq Karmnu Zarb li Oreste kera bi spejjeż tiegħu.

Minn hemmhekk, Oreste dejjem bi spejjeż tiegħu, kera' remissa kbira fi Triq San Bartilmew (ftit 'il fuq mill-Iskola Primarja) u beda jlaqqa' lit-tfal u liż-żgħażagħ hemmhekk. Ftit wara Ineż, oħt Oreste, wirtet dar fil-Għargħur (li qabel kienet isservi t'Għassa tal-Pulizija) u din bi-tħabrik ta' ħuha, li kellu sehem minnha saret il-Qasam il-ġdid. Din id-dar li tinsab fi Triq Mons. Luiġi Catania, għadha tintuża bħala l-Qasam tal-M.U.S.E.U.M. tas-Subien.



Is-Superjur Oreste kien jitla' kuljum fil-karozzin minn Birkirkara u wara t-tagħlim lit-tfal u lill-kbar, jerġa' jinżel lura. Dan is-Superjur kien bniedem ġeneruż għall-aħħar u kien ta' kuljum itella' xi rigali (l-aktar Santi kbar u xi kotba) lit-tfal u liż-żgħażagħ li kienu jattendu fil-M.U.S.E.U.M.. L-istess kien jagħmel ma' dawk l-irġiel li kienu jiġu għall-Qagħda kull nhar ta' Ħadd filgħaxija.

Meta nfetaħ il-Mużew, flimkien ma' Oreste għamel xi żmien jitla' l-Għargħur Ġwann Briffa Brincati Soċju mill-qasam tal-Belt, li wara sar saċerdot u għex ghal hafna snin. Dun Ġorġ, li kien iħobb ħafna lil dawn it-tnejn, kien ta' sikwit jitla' fil-Qasam tal-Għargħur. Hawnhekk, is-Superjur Oreste kien iħejji premjijiet aktar mis-soltu u dan Dun Ġorġ erħilu jifraħ mat-tfal u jtella' l-premjijiet ta' Oreste. Tgħid għad fadal minn dawn il-premjijiet għand xi wħud mill-anzjani tar-raħal?

F'dawn l-ewwel snin, ma' Oreste u Briffa Brincati kien hemm Soċju wieħed biss mill-Għargħur; Anġlu Vella, li kien jiġi l-kuġin ta' Mons. Luigi Catania. Dan pero' miet f'età żgħira fis-sena 1936 wara biss ftit żmien bħala Soċju tal-M.U.S.E.U.M. Maż-żmien, kienu saru erba' Soċji mill-Għargħur: Ġużepp Debono, Bertu Zarb, Ġużeppi Fenech u Salvu Zarb. Pero' biex jgħinu fit-tagħlim, kienu jiġu xi Soċji oħra minn barra r-raħal.

Fil-fatt kienu jitilgħu Ġorġ Farrugia, Jimmy Zammit u Indri Cortis li fl-assenza tas-Superjur Oreste kien imexxi l-Qasam. Fi żmien eqreb lejna, kienu jitilgħu Karmnu Vella min-Naxxar, Ċikku Busuttil mill-Floriana, Gejtu Sultana mill-Ħamrun u oħrajn.

Iż-żminijiet diffiċli ma naqsux. Fil-fatt kien hemm żmien li fih kellhom inkwiet mal-kappillan Dun Salv Gauci billi dan ma riedx li t-tfal imorru l-Mużew qabel ma jkollhom 14-il sena billi riedhom kollha l-Azzjoni Kattolika. Fi żmien l-Aħħar Gwerra, l-Qasam, kellu jingħata lir-refuġjati u għalhekk, l-Assenjatur tas-Soċji kiellu jibda jsir fis-Sagristija tal-Knisja parrokkjali. F'dan iż-żmien, bomba ġiet fuq l-Azzjoni Kattolika u d-dar tal-Mużew soffriet ħsara fil-balavostri tal-gallarija. Wara kien sar ċint li għadu hemm sal-lum. Wara li telqu r-refuġjati, l-Qasam seta' jkompli l-attività normali tiegħu.

Is-Superjuri li kienu matul iż-żmien huma: Oreste Tabone, Indri Cortis, Salvu Azzopardi, Vitor Catania, Salvu Zarb, Gwido Tanti u Eric Catania; is-Superjuri preżenti.

Fi żmien is-Superjur Salvu Zarb, fil-Mużew beda jsir xi xogħol ta' rinnovazzjoni u tkompla mis-Superjur Tanti. Tnaddfet il-kantina u ngħatat il-konkos biex it-tfal jkollhom fejn jilagħbu aħjar. Sar id-dawl kollu ġdid, madum ta' l-art, żebgħa ta' l-aperturi u tibjid. Dan ix-xogħol serva biex id-Dar tkun aktar attrajenti u biex tilqa' lit-tfal u liż-żgħażagħ. Fi żmien is-Superjur Tanti, id-Duttrina tat-tliet klassijiet tal-Griżma, ingħatat f'idejn il-Mużew u fi żmien il-Kappillan Dun Fawstinu Ellul, fil-Mużew bdiet tiġi mgħallma wkoll il-Klassi ta' l-Ewwel Tqarbina.

Din kienet parti mill-istorja tal-Qasam u min jaf kemm hawn minnkom li jiftakru f'xi episodji, storja, tagħlima jew xi ċajta li ġrat fil-Qasam.

Għalhekk waqt li nirringrazzjaw lil Alla għaliex il-Qasam għalaq 75 sena, nkomplu nitolbu biex bil-għajnuna Tiegħu nkomplu l-ħidma tat-tagħlim bil-kelma u bl-eżempju fost in-nies kollha tal-Għargħur.

**IL-PAĊI MAGĦKOM U L-FESTA T-TAJBA**

Daniel Gauci
Restawr ta' Għamara Antika
Bibien ta' ġewwa u barra, twieqi u galleriji
Triq 31 ta' Marzu, Għargħur
Mobile: 9985 9563